**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**Onor. Imhallef**
**Joseph Zammit McKeon**

**Illum il-Hamis 30 ta` Novembru 2017**

**Kawza Nru. 11**
**Rik. Nru. 723/2017 JZM**

**Mark Curmi [(Karta ta` l-identita` numru 322564(M) u Lucienne Curmi (Karta ta` l-identita` numru 263667(M)]**

***kontra***

**Hotel Services Limited (C2594)**

**Dan huwa provvediment dwar talba li ghamlu r-rikorrenti fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2017 sabiex ir-rifjut ta` Mark Gatt illi jilqa` n-notifika ghas-socjeta` ntimata tar-rikors promotur u ta` l-avviz tas-smigh tal-kawza jitqies bhala notifika posittiva ghas-socjeta` ntimata.**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors promotur.

Rat l-atti l-ohra.

Semghet ix-xiehda.

**Ikkunsidrat :**

Issir riferenza ghat-tmien (8) subartikoli li jaghmlu l**-Art 187 tal-Kap 12.**

Issir riferenza wkoll ghall-**Art 181A tal-Kap 12**.

Tghid in partikolari li skont is-subartikolu (2) ta` l-Art 181A, fil-kaz ta` koorp li jkollu personalita` guridika distinta (bhal ma hija l-intimata), ra-rappresentanza guridika tispetta lil dawk il-persuni li jkollhom dik ir-rappresentanza, lis-segretarju tal-kumpannija, jew kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f`ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, nota ta` eccezzjonijiet jew skrittura ohra bhal dawk imsemmija.

**Ikkunsidrat :**

Jirrizulta mir-riferta negattiva li ghamel il-purtier fil-15 ta` Settembru 2017 illi ma nnotifikax lill-intimata tramite Mark Gatt peress li meta mar fl-indirizz 175, Triq D` Argens, Msida, Mark Gatt ma accettax l-atti billi stqarr mieghu illi ma kienx ir-rapprezentant tal-intimata, u lanqas ma kellu konnessjoni maghha.

Tghid x`tghid referta hija att pubbliku, u ghaldaqstant bhala tali, dak li tghid jikkostitwixxi prova.

Tajjeb li ssir riferenza ghall-provvedimenti ta` din il-Qorti diversament presjeduta : 12 ta` Marzu 2008 - **Stephen Scicluna vs Brian Degiorgio** ; 20 ta` Frar 2003 : **Joseph Pace vs Makaw Limited.**

Issir referenza wkoll ghall-**Art 188 tal-Kap 12**.

**Ikkunsidrat :**

Illi skont id-dokumenti a fol 49 sa 55 tal-process, jirrizulta li Mark Gatt kien u ghadu direttur tal-kumpannija intimata kif ukoll ghandu r-rapprezentanza legali u guridika taghha.

Illi ghalhekk jikkwalifika bhala persuna idonea skont l-Art 181A(2) tal-Kap 12.

Illi nholqot incertezza dwar il-pozizzjoni ta` Mark Gatt vis-à-vis l-intimata peress li rrizulta li kien appuntat Vincent Ciliberti bhala sekwestratarju gudizzjarju tal-intimata – snin ilu.

Illi din l-incertezza kienet ikkjarifikata mill-persuni li xehdu quddiem din il-Qorti.

**Ikkunsidrat :**

Illi skont ix-xiehda tar-rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji (il-P.l. Quentin Tanti) kienet intbaghtet Form K lir-Registratur tal-Kumpanniji fl-4 ta` Lulju 2013. Permezz ta` din il-Form K, kien dikjarat illi Mark Gatt kien qed jirrizenja mill-kariga tieghu ta` direttur.

Billi l-intimata kellha sekwestratarju gudizzjarju, kien hemm dubji serji dwar jekk dik il-Form K setghetx tigi ffirmata minn Mark Gatt, peress li s-sekwestratarju gudizzjarju inghata setghat wiesgha hafna sabiex jagixxi, inkluz li nghata l-poteri kollha tad-diretturi, in sostituzzjoni ta` dawn tal-ahhar.

Illi jirrizulta li wara li kien hemm komunikazzjoni da parti ta` Vincent Ciliberti, il-Form K de qua ma kenitx registrata u pubblikata fuq il-website tar-Registratur tal-Kumpanniji.

Illi dan wassal sabiex Mark Gatt **<u>baqa</u>**` fil-karika ta` direttur tal-intimata ghaliex ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ma kienet registrata ebda Form K li bis-sahha taghha Mark Gat ma baqax jokkupa dik il-pozizzjoni.

Illi ladarba Mark Gatt ghadu jidher bhala direttur tal-intimata ma jistax jesimi ruhu minn responsabilita`.

**Ikkunsidrat :**

Illi Vincenti Ciliberti, li **<u>kien</u>** sekwestratarju gudizzjarju, m`ghandux locus standi.

Illi b`sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-7 ta` Novembru 2016 fil-kawza **<u>Vincent Edward Ciliberti fil-kwalità tieghu ta` sekwestratarju gudizzjarju tas-socjetà Resort Hotels Limited (C616) vs Finvest International Limited (C 4855)</u>** kien dikjarat illi l-kariga ta` Vincent Ciliberti bhala sekwestratarju gudizzjarju ntemmet malli giet ezegwita s-sentenza li fiha gie nominat bhala sekestratarju gudizzjarju.

Illi ghalkemm kien hemm xiehda fis-sens illi kien hemm procedura ta` ritrattazzjoni wara din is-sentenza, ma rrizulta xejn aktar : *sic et simpliciter*.

**Ikkunsidrat :**

Illi rrizulta ppruvat li Mark Gatt **<u>irrifjuta</u>** n-notifika tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smigh tal-kawza.

**Illi madanakollu, din il-Qorti ma tarax li tista` tilqa` t-talba tar-rikorrenti u tapplika t-tieni proviso ta` l-Art 187(1) tal-Kap 12.**

Illi taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fis-16 ta` April 2004 fil-kawza : **<u>Joseph u Carmen konjugi Gaffarena vs Mixer Limited et.</u>**

Illi fis-sentenza appena citata nghad illi t-tieni proviso tas-subartikolu (1) tal-Art 187 tal-Kap 12 ighodd biss fil-kaz illi n-n-notifika **<u>tkun intiza</u>** li ssir lil persuna fizika hekk kif kontemplat fis-subartikolu (1) ta` l-Artikolu 187 .

**Illi l-Qorti kompliet tghid li fil-kaz ta` korp b`personalita` guridika, kellhom jigu segwiti l-provvedimenti tas-subartikolu (5) ta` l-Artikolu 187 billi, wara li tkun sodisfatta li persuni idonei li jircievu att ghan-nom ta` korp bi personalita` guridika distinta jkunu prezenti hawn Malta, l-Qorti ghandha tordna li tigi effettwata n-notifika bil-mod kif jipprovdi l-istess subinciz.**

**Ikkunsidrat :**

Illi din il-Qorti taf bis-sentenza tal-11 ta` April 2014 fil-kawza : **<u>Waterline Limited vs SJ Catering Limited u John Bugeja.</u>**

Illi madanakollul-qorti sejra timxi fuq dak li rrizulta fis-sentenza **<u>Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et</u>** (op. cit.)

Illi qeghda taghmel dan anke peress li minn qari ta` t-tieni proviso ta` l-Art 187(1) tal-Kap 12, jinghad <u>testwalment</u> illi dik id-disposizzjoni tapplika "***<u>meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura</u> tirrifjuta li tirciviha personalment minghand ufficcjal ezekuttiv tal-qrati"***.

**Ikkunsidrat :**

**Illi l-Qorti tqis li ladarba l-intimata hija dik li hi, in-notifika taghha ma tistax titqies illi saret ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi fil-konfront ta` Mark Gatt, fil-mod u manjiera pretizi mir-rikorrenti.**

**Illi ghalhekk it-talba <u>kif dedotta</u> tar-rikorrenti ma tistax tigi applikata fir-rigward tal-kumpannija intimata.**

**Illi r-rikorrenti kien messhom qaghdu ma` dak li jipprovdi l-Art 187(5) tasl-Kap 12 tenut kont tal-fatti tac-cirkostanzi tal-kaz.**

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fl-udjenza tat-13 ta` Novembru 2017. Spejjez ghar-rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**